MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 474/2011/1

**EVAN BALZAN**

**Vs**

**MARY GRACE FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fit-13 ta' April 2012 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal,*

***Ra,** li t-TALBA fl-Avviz hi ghall-hlas ta' tlett elef, mitejn, sitta u sebghin Ewro (€3,726) dovuti ghal diversi xoghlijiet ta' tqeghid ta' madum, irrangar ta' twieqi, bibien, tikhil, tibjid ecc maghmula fuq inkarigu tal-konvenuta fil-propjeta fejn toqghod.*

*Bl-ispejjez u mghax kontra l-konvenuta ingunti ghas-subizzjoni.*

***Ra** r-RISPOSTA hekk: preskrizzjoni skond l-art 2148a tal-Kap 16 u li xejn mhu dovut.*

***PROVI***

*A1 L-attur **Evan Balzan** qal li x-xoghlijiet u kwistjoni li saru bejn Gunju u Lulju 2009 u taghhom ma thallas xejn. Dawn kienu xoghlijiet li kellhom isiru bl-ghajnuna tal-Awtorita tad-Djar. Allura hu hargilha ircevuti biex hi tkun tista tmur bihom fid-Dipartiment imsemmi u hi tithallas minn hemm u wara thallas lilu.*

*2 Fir-rigward esebixxa d-Dokumenti EB1-5 b'dati skond ma sar ix-xoghol. Hu baqa ma thallas xejn.*

*3 In segwitu ghax-xhieda viva voce hu pprezenta affidavit li jikkonferma din ix-xhieda u jzid jispjega fuqha. Id-Dok EB1 juri lista ta' xoghlijiet taht il-kitba "Il-Perit tal-Awtorita` tad-Djar qed jirrakkomanda dawn ix-xoghlijiet" u dana wara spezzjoni tal-fond "Flat 16, Qasam tal-Bini tal-Gvern Blokk C, Birzebbugia". Din il-karta telenka wkoll l-ispejjes relattivi. Fuq ix-xellug tal-karta tnizzel mill-attur meta saru x-xoghlijiet: 10/14 ta' Gunju 2009.*

*4 Hu mhux l-ewwel darba li f'cirkostanzi simili hareg ricevuta qabel attwalment ikun thallas. Fil-kaz tal-konvenuta, hi kienet hallsitu biss tal-ispejjes li nefaq biex xtralha l-madum. Kien ghad fadallu jithallas tlett elef, mitejn, sitta u sebghin Ewro (€3,276) u hu <u>fdaha</u> (enfasi tat-*

*Tribunal), pero talabha tiffirmalu karta (Dok EB5 a fol 20) u haseb li kien ser jithallas fi zmien qasir.*

5 *Ghadda z-zmien u baqa ma thallasx u pprova jikkontattaha. Baghtilha ittra tal-avukat datata 06.05.2010, u bghatilha ohra datata 02.08.2010 u ma wegbitux u allura ressaq il-kawza.*

B1 *Il-konvenuta* **Mary Grace Farrugia** *ressqet affidavit fejn ikkonfermat l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita tad-Djar ghax-xoghlijiet, ikkonfermat l-inkarigu li tat lill-attur u kkonfermat li dan kien ghall-habta ta' Gunju 2009 u x-xoghlijiet bdew u tlestew ghal nofs Lulju 2009.*

2 *Qalet li hi kienet hallsitu hekk kienu qed isiru x-xoghlijiet u dan jirrizulta mir-ricevuti fiskali esibiti b'total ta' tlett elef sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u tletin (€3,623.32c). Taha ir-ricevuti f'salt meta tlesta x-xoghol kollu f'Lulju 2009 minkejja d-dati li hemm fl-istess ircevuti.*

3 *Il-hlasijiet saru kollha fil-presenza ta' Maria Magro, gharusa ta' binha u dan ghax kin kienet iggib il-flus minghand ommha.*

4 *L-iskrittura Dok EB5 a fol 20 (fotokopja tal-original esebit bhala Dok EBX1 f'busta) b'nota tad-9 ta' Jannar, 2012 hi* **falza** *(enfasi tat-TRIBUNAL) ghax hi kienet iffirmat skrittura li kien ghad fadlilha ttih mitejn euro (€200) u dana ghall-habta ta' Gunju 2009 u xi gimgha wara kienet attwalment hallsithom. "Il-karta u l-ammont huwa mbaghbsa".*

5 *Ammettiet li hi kienet irceviet xi ittri pero ma kienetx tat kashom ghax kienet hallset ta' kollox.*

*C1* ***Maria Magro*** *qalet li hi gharusa ta' Jonathan Farrugia, iben il-konvenuta u mir-relazzjoni ta' bejniethom ghandhom zewgt itfal u hi gieli torqod ghand il-konvenuta u tkun spiss ghandha.*

*2* *Taf bix-xoghlijiet in kwistjoni. Il-konvenuta hi separata u m'ghandhiex slus u ghalhekk kienu ftehmu li omm ix-xhud tislifha l-flus u troddhomlha ftit ftit. "Nghid li l-hlasijiet lil dan Evan Balzan kollha saru fil-prezenza tieghi u nikkalkula li tatu aktar minn tlett elef Ewro (€3,000). Fil-fatt il-haddiema li esegwew ix-xoghlijiet kienu ta' kulur skur u l-attur kien imur biss ghall-flus. Wara li tlestew ix-xogholijiet, ghall-habta ta' Lulju, 2009, ma ratux izjed.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-TRIBUNAL jikkonsidra kif gej:*

1. *Hawn ghandna talba ghall-hlas ta' xoghlijiet ta' tqeghid ta' madum ecc li kontriha qed titqajjem formalment il-preskrizzjoni per art 2148a tal-Kap16. Din tippreskrivi li gheluq it-tmintax il-xahar jaqa d-dritt tal-azzjoni da parti "tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu". It-TRIBUNAL ihoss li l-hidma tal-attur a favur tal-konvenuta taqa taht din id-deskrizzjoni u ghalhekk tapplika l-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar.*

2. *Il-preskrizzjoni tibda ghaddejja minn meta l-azzjoni tista tigi ezercitata. L-iktar punto di partenza favur l-attur hu l-14 ta' Gunju 2009 (art 2137). Issa l-kawza odjerna giet intavolata fid-9 ta' Gunju 2011 – ferm wara l-gheluq tat-18 il-xahar.*

3. *Punt iehor important hu t-twettieq, da parti tal-konvenuta, permezz tal-affidavit li hi lill-attur kienet hallsitu ta' kollox u ma fadlilha ttih xejn.*

4. *Il-kwistjoni ma tieqafx hawn u t-TRIBUNAL ser jezamina aspetti ohra tal-kaz. Hawn ghandna:*

   a) *Ricevuti tal-VAT mehtiega mill-attur favur il-konvenuta u dwar l-awtenticita taghhom ma hemmx kontroversja.*
   b) *L-attur jghid li hu harighom lill-konvenuta biex hi tkun tista tithallas m'ghand l-AWTORITA` tad-DJAR u imbaghad thallas lilu - pero l-konvenuta ma hallsitux.*
   c) *Il-konvenuta tghid li hallset kollox u dan tghidu b'korraborazzjoni tax-xhieda ta' Maria Magro (l-gharusa omm ta' iben il-konvenuta) li tispjega li l-konvenuta ma setghetx thallas inizjalment "de proprio" u kienet tohrog il-flus omm Maria Magro u l-konvenuta tirrifondi l-flus. Bl-istess Maria Magro tghid li kienet hi stess li ggib il-flus m'ghand ommha u tara l-hlas lill-attur isir quddiema.*
   d) *Da parti tal-attur jghid li lill-konvenuta hargilha ircevuti "ghax fdajtha" (ispissimis verbis) u fl-istess nifs jghid li ried dikjarazzjoni bil-miktub.*
   e) *Dwar id-dikjarazzjoni Dok EBX1 (l-original) u Dok EB5 (kopja tal-istess) ghandna problema wkoll: ghandna bicca karta* ***bla data*** *(enfasi tat-TRIBUNAL) u ghandna lill-konvenuta tichad li hi ffirmat dik il-karta*

***DECIZJONI***

*Meta jqis kollox, u wara hafna riflessjoni, it-TRIBUNAL* ***jiddeciedi*** *li f'dan il-kaz (a) l-eccezzjoni tal-preksrizzjoni ai termini tal-art 2148(a) tal-Kap 16 ghandha tigi milqugha u konsegentament(b) it-TALBA ghall-hlas kif imsemmi fl-AVVIZ ghandha tigi* ***michuda.***

*Bl-ispejjez tal-kawza jkunu mhallas mill-attur."*

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Evan Balzan fit-termini tas-segwenti aggravvji:

1. Applikazzjoni hazina tal-Ligi fir-rigward tal-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz u dana billi ghall-azzjoni intentata ma japplikax it-terminu preskrittiv kif dispost fl-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16, izda dak stabbilit fl-artikolu 2151(2) u cioe’ dik tal-hames snin fid-dawl ta’l-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet. Fin-nuqqas il-Qorti ghandha tapplika il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikolu 2149(a).

2. Illi ghalkemm it-Tribunal kellu jillimita id-decizjoni tieghu fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni sollevata mill-intimata appellata, huwa xortwahda dahal biex ezamina il-mertu u ghadda ghad-decizjoni ukoll fuq l-istess.

Illi minn qari akkurat ta’l-avviz tat-talba kif ukoll mill-atti probatorji ghandu jirrizulta mingajr l-icken dubbju illi l-preskrizzjoni eccepita u li giet akkolta mit-Tribunal ma hijiex applikabbli ghal kaz in dizamina. Bir-ragun, ghalhekk, l-appellanti jishaq illi kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi da parti tat-Tribunal meta ghaddiet biex laqghet l-eccezzjoni tal-estinzjoni ta’l-azzjoni minhabba t-trapass taz-zmien. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-appellanti gie imqabbad mill-intimata sabiex jaghmel xi xogholijiet fir-residenza taghha konsistenti fi tqeghid ta’ madum, irrangar ta’ aperturi, tibjid u tikhil fost ohrajn. Jidher ukoll illi l-appellanti kellu iforni il-materjal biex ikun jista’ jezegwixxi dawn ix-xogholijiet. Ghandu jidher minnufih illi japplika ghal kaz in dizamina

d-dispost ta'l-artikolu 1633 tal-Kodici Civili li jirregola l-istitut tal-*locatio operis* li jiddisponi testwalment:

**"Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal."**

Huwa bil-wisq evidenti, allura, illi dan in-negozju huwa milqut bil-preskrizzjoni ta' sentejn kif previst fl-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 u mhux dak eccepiet mill-appellata. Illi id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg disposizzjonijiet ta' preskrizzjoni kemm il-darba saret mill-Qrati taghna fejn gie ritenut:

*"Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a **Vol. XLII P III p 1151**, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz ta' l-Artikolu 2149 (a) il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol - opus - minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet;*

*Din l-ahhar disposizzjoni - Artikolu 2149 (a) – tiddistingwi ruhha mbaghad mill-Artikolu 2148 (b) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. Ara f' dan is-sens "**Lawrence Formosa et -vs- Anthony Borg proprio et nomine**", Appell, 27 ta' Jannar 1997; Forsi d-decizjoni li l-aktar hi attinenti ghall-kaz in ispecje hi dik riportata a **Vol. XXXVIII P III p 710**. Fiha infatti ntqal dan:-*

*"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja,bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."; (Langdale Limited vs Jon David Limited deciza App.Inf. 03/11/2004)*

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalhekk, u fid-dawl tal-fattispecje ta' dana l-kaz il-preskrizzjoni eccepita mill-appellata ma hijiex applikabbli u ghamel zball it-Tribunal li adottaha u dana billi dik pettinenti ghal dan il-kaz kienet il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta'l-artikolu 2149(a).

Illi ghalhekk l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta u dana billi hemm qbil bejn il-partijiet illi x-xogholijiet mertu tal-kawza saru bejn l-10 u l-14 ta'Gunju 2009 (ara Dokument EB1 a fol.16 u ir-ricevuti fiskali esebieti a 17 sa 19) u l-azzjoni odjerna giet intavolata ezattament entro dana it-terminu u cioe' fid-09 ta' Gunju 2011.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u stabbilit kwindi li l-azzjoni mhijiex perenta bl-eccezzjoni sollevata mill-appellata, ma tarax il-Qorti li ghandha toqghod tinoltra ruhha fl-applikazzjoni o meno tal-preskrizzjoni itwal ta' hames snin dispost fl-artikolu 2151(2) tal-Kodici Civili u imressaq 'il quddiem fl-ewwel aggravvju ta'l-appellanti. Illi fi kwalunwke kaz id-dokument, ezebiet kemm fl-original, kif ukoll f'fotokopja (Dokument EB5 a fol.20 u Dokument EBX1 a fol.32) ghandu id-data tieghu nieqsa u ghalhekk gialdarba l-artikolu 2151(2) jistabbilixxi bhala l-mument tat-tluq id-data tad-dikjarazzjoni tal-gharfien tal-kreditu, ma huwiex legalment possibbli jigi determinat, anke fid-dawl tal-kontestazzjoni maghmula, minn meta ghandu jibda jidekorri il-jedd ghall-ezercizzju ta'l-azzjoni.

Illi fit-tieni aggravvju sollevat minnu, l-appellanti jilmenta illi t-Tribunal erronjament inoltra ruhu fil-mertu tal-kaz meta huwa kien gie imsejjah biss biex jiddeciedi l-preskrizzjoni eccepieta. Illi anke hawn ghandu ragun l-appellanti u dana ghaliex mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2011 gie deciz illi il-provi li kellhom jinstemghu kellhom ikunu limitatament dawk li jikkoncernaw il-preskrizzjoni sollevata. Dan ifisser illi it-Tribunal kien prekluz milli jaghmel

konsiderazzjonijiet tieghu dwar il-mertu, meta kien gja gie deciz illi l-provi mismugha kellhom ikunu limitati ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u xejn izjed. Ghaldaqstant, u sabiex jigi rispettat il-principju tal-*audi alteram partem*, din il-Qorti hija tal-fehma li bis-sahha tal-poteri moghtija lilha bl-artikolu 8(4) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta il-partijiet ghandhom jinghataw l-opportunita li iressqu kwalunkwe prova ohra li fadal fil-mertu u dana qabel ma tinghata d-decizjoni finali.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed thassar u tirrevoka is-sentenza appellata, tordna il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu u wara li rat l-artikolu 8(4) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddiferixxi l-appell ghas-seduta tal-25 ta’ Marzu 2015 tissejjah fl-10:00a.m. ghal provi kollha tal-partijiet u trattazzjoni finali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza jibghqu riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------